DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/898

tal-25 ta' April 2023

li taħtar membru supplenti, propost mill-Gran Dukat tal-Lussemburgu, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Lussemburgiż,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fit-30 ta' Lulju 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/1153 ([2]) li taħtar membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni.

(3) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Claire REMMY, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Il-Gvern Lussemburgiż ippropona lis-Sa Catherine PASTORET, rappreżentanta ta' korp lokali li għandha mandat elettorali ta' awtorità lokali, *Conseillère communale de la Ville d'Esch-sur-Alzette* (Membru tal-Kunsill Muniċipali ta' Esch-sur-Alzette) bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sa Catherine PASTORET, rappreżentanta ta' korp lokali li għandha mandat elettorali, *Conseillère communale de la Ville d'Esch-sur-Alzette* (Membru tal-Kunsill Muniċipali ta' Esch-sur-Alzette) hija b'dan maħtura bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1153 tat-30 ta' Lulju 2020 li taħtar membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 256, 5.8.2020, p. 12).

Magħmul fil-Lussemburgu, il-25 ta' April 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
P. KULLGREN